# "Qum u kul!"
# Adorazzjoni Ewkaristika
# Settembru 2026

## Innu għal waqt l-Espożizzjoni

## Viżta lil Ġesù Ewkaristija

Ħallieq ta' kollox u feddej tad-dinja,
Kristu Sultan, imħallef ġust tal-bniedem,
ilqa' t-talb tagħna bit-tifħir ta' qalbna,
u ħenn għalina.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Ġesù, dawl veru, tjieba w ħajja tagħna,
ħniena bla qies, u ferħ tassew tad-dinja,
int b'demmek il-għażiż ridt issalvana
mill-mewt ta' dejjem.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Quddiemek nersqu f'dan il-ħin bil-qima,
biex infaħħruk u nižżuk ħajr kif jixraq;
int għajn tad-dawl, orbotna lkoll qalb waħda
fl-imħabba tiegħek.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Kebbisna, nitolbuk, bin-nar ta' mħabbtek,
u żommna sħaħ fid-dawl qaddis tal-fidi;
minn jum għall-ieħor wettaq dejjem fina
it-tama hienja.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Fuq art twelidna w fuqna lkoll, uliedha,
sawwab, Mulej, mis-sema l-barka tiegħek,
żommna marbuta fik, fis-sliem bejnietna,
għas-sebħ ta' Ismek. Ammen.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Skont il-fehma tal-Papa: *Missierna, Sliema, Glorja*

"Alla, Alla tiegħi, lilek bil-ħerqa nfittex. Bil-għatx tiegħek ruħi, qiegħed inin ġismi għalik, bħal art niexfa, ħarra, bla ilma" (Salm 63, 2, Bibbja Saydon). Mixħutin quddiem il-Mulej, ejjew inkomplu nfaħħruh filwaqt li nfissrulu t-tnehid ta' qalbna għalih permezz ta' Salm 63, billi ngħidu flimkien: ***Għalik imxennaq jiena, Mulej, Alla tiegħi.***

Salm 63, 2. 3-4. 5-6. 8-9

Alla, Alla tiegħi int; lilek ħerqan infittex.
ruħi bil-għatx għalik,
għalik imxennaq jiena,
bħal art niexfa, maħruqa, bla ilma. *R/.*

Għalhekk ġejt narak fit-tempju mqaddes tiegħek,
biex nitgħaxxaq bis-setgħa u l-glorja tiegħek.
għax it-tjieba tiegħek aħjar mill-ħajja,
xufftejja jxandru t-tifħir tiegħek. *R/.*

Għalhekk inbierkek tul ħajti kollha;
ngħolli idejja u nsejjaħ ismek.
bħal b'ikel mill-aħjar li jsemmen nimtela,
u jgħannilek fommi b'xufftejn ferrieħa. *R/.*

Għax int kont għajnuna għalija,
għad-dell ta' ġwenħajk ngħanni bil-ferħ.
miegħek tingħaqad ruħi,
int tweżinni bil-leminija tiegħek. *R/.*

## Innu Ewkaristiku

**Qari mill-Ewwel Ktieb tas-Slaten** (19, 1-8)
F'dak iż-żmien, Aħab għarraf lil Ġeżabel b'kulma kien għamel Elija, u kif qatel lill-profeti kollha bix-xabla. U Ġeżabel bagħtet messaġġier lil Elija jgħidlu: "Dan jagħmluli l-allat u iżjed minn hekk, jekk għada bħalissa ma nkunx għamilt minn ħajtek kulma sar mill-ħajja ta' kull wieħed minnhom." U beża', u qabad u telaq biex isalva ħajtu, u mar Birsaba li hemm f'Ġuda, u ħalla l-qaddej tiegħu hemm. Il-profeta rħielha lejn id-deżert. Wara jum mixi waqaf, inxteħet taħt siġra tal-ġummar, talab li jmut, u qal: "Issa biżżejjed, Mulej; ħudli 'l ħajti, għax m'iniex aħjar minn missirijieti!" U mtedd għad-dell tal-ġummara, u raqad. Kif kien rieqed messu anġlu, u qallu: "Qum u kul!" Elija dawwar wiċċu, u lemaħ ħdejn rasu ftira moħmija u ġarra ilma; kiel u xorob, u raġa' mtedd. Għat-tieni darba ġie l-anġlu tal-Mulej, u raġa' messu u qallu: "Qum u kul, inkella ma tkunx tiflaħ għall-mixja li fadallek." Elija qam, kiel u xorob, u bis-saħħa ta' dak l-ikel baqa' miexi għal erbgħin jum u erbgħin lejl sa ma wasal Ħoreb, il-muntanja tal-Mulej.

**Il-Kelma tal-Mulej.**
*R/. Irroddu ħajr lil Alla.*

Bħall-Profeta Elija, is-sħana u r-riħ isfel inħossuhom iħalluna mitluqa, nitkaxkru f'deżert ta' apatija, bla saħħa u nifisna maqtugħ. Iżda l-preżenza tiegħek, Mulej Ġesù, hawn fostna, taħt l-ispeċi tal-ħobż, nistħajjilha tagħmel magħna bħal dak

l-anġlu: għalkemm ġejna hawn minn rajna, inti tiġi tfittixna fejn ninsabu fil-mixja tagħna warajk, u, fejn issibna, trejjaqna bil-preżenza tiegħek u hekk inkunu nifilħu nkomplu l-vjaġġ tul it-toroq tal-ħajja. Toroq xi drabi mwiehra li minnhom ngħaddu jew jgħaddina ħaddieħor, jekk mhux ukoll insibu ruħna fihom minħabba l-fedeltà tagħna lejk u lejn il-missjoni li tajt lil kull wieħed u waħda minna. U kemm hu faċli li, meta jiġri hekk, bħal Elija nħossuna mħawdin u ma nistgħux nifhmu għax stennejna mod ieħor; ħsibna li l-affarijiet se jiġu iktar faċli jew favurina. Imma tgħid xi minn daqqiet tkun il-kburija tagħna stess li ċċajprilna l-vista u ma nibqgħux naraw ċar, ma nibqgħux naraw il-perspettiva tiegħek? Tgħid bejna u bejnek daħlu affarijiet oħra, jekk mhux ukoll l-ego tagħna nfusna li minħabba fih nitgerfxu f'saqajna stess?
Għalhekk, ninsabu fejn ninsabu, ejja, nitolbuk, Mulej Ġesù; ejja u fittixna u sibna għax aħna mhux dejjem inkunu nafu fejn qegħdin mal-oħrajn, magħna nfusna, miegħek. Aħjina mill-ġdid, Mulej Ġesù, u, inti u titmagħna bik innifsek, qajjimna fuq saqajna biex ikollna s-saħħa nibqgħu mixjin, għax mingħajrek ma nistgħu nagħmlu xejn.

## Innu Ewkaristiku

Kif ninsab hawn quddiem il-Mulej Ġesù, sieket imma mill-iktar preżenti, ejjew nagħmlu l-istess talba ta' Tumas minn Kempis fil-ktieb *L-Imitazzjoni ta' Kristu*:

> Kif nista' nwettaq lili nnifsi f'din il-ħajja kollha miżerja, jekk il-ħniena u l-grazzja tiegħek ma jiqfux miegħi? La ddawwarx wiċċek minn fuqi; la ddumx ma tiġi żżurni; la tneħħilix il-faraġ tiegħek, sabiex ruħi ma tkunx quddiemek bħala art niexfa mingħajr ilma. Mulej, għallimni nagħmel ir-rieda tiegħek; għallimni ngħaddi ħajja xierqa u umli quddiem il-wiċċ tiegħek; għaliex Inti l-għerf tiegħi, Int, iva, li taf sewwa x'jien, u għaraftni minn qabel ma ġejt fid-dinja. (*L-Imitazzjoni ta' Kristu*, it-Tielet Ktieb, kap. 3)

(*adorazzjoni fis-skiet*)

Mill-ktieb *L-Imitazzjoni ta' Kristu* ta' Tumas minn Kempis:

> O Mulej, kemm neħtieġ il-grazzja tiegħek biex nibda t-triq it-tajba, biex inkompli fiha, u nispiċċa b'wiċċ il-ġid dak li dħalt għalih! Mingħajrek jiena xejn ma nista' nagħmel; imma bik nista' kollox, megħjun mill-grazzja tiegħek. O grazzja tabilħaqq tas-Sema, li mingħajrha la l-merti tal-bniedem u la d-doni tan-natura ma jsarrfu xejn! La s-sengħa tal-idejn u l-ġid, la l-ġmiel, u lanqas il-qawwa, la l-għerf, u lanqas il-kliem sabiħ, ma jiswew xejn quddiemek, Mulej, mingħajr il-Grazzja … u dawk li huma mogħnija bil-Grazzja, dawn tistħoqqilhom il-ħajja ta' dejjem.

Dil-grazzja hi ħaġa tant għolja u sabiħa, li mingħajrha mhuma xejn, u la d-don tal-profezija, la l-għemil tal-mirakli, u anqas l-għerf tal-ogħla ħwejjeġ. Anzi hemm iżjed: il-fidi stess, it-tama u l-virtujiet l-oħra, mhumiex mogħġuba quddiemek mingħajr l-imħabba u l-grazzja.
O Grazzja tal-akbar ħlewwa! Int lil min hu nieqes f'ruħu tagħnih bil-virtù, u min hu għani b'bosta ġid tagħmlu umli f'qalbu. Ejja, inżel fija, imlieni minn filgħodu bl-hena tiegħek, sabiex ir-ruħ tiegħi għajjiena b'tant taqbid ma tintelaqx għal kollox u taqa' f'nofs ta' triq. *(L-Imitazzjoni ta' Kristu*, it-Tielet Ktieb, kap. 55)

B'dawn is-sentimenti qaddisa f'qalbna u għatxana għall-grazzja qaddisa tiegħu li tqaddes, ejjew irressqu lill-Mulej it-talbiet tagħna.

- Mulej Ġesù, onfoħ in-Nifs Qaddis tiegħek fuq il-Knisja sabiex fid-deżert li jdawwarna tferra' b'abbundanza l-grazzja tiegħek. Nitolbu.
- Qajjem fi qlub il-bnedmin kollha, l-aktar dawk li għandhom responsabbiltajiet politiċi u ekonomiċi, tfixxija sinċiera għall-paċi u qanqalhom biex verament iħabirku ħalli jittaffew il-ġuħ u l-għaks fost il-popli kollha. Nitolbu.
- Agħmel li l-komunitajiet u l-individwi Nsara jkunu ta' sosten u jakkumpanjaw lil dawk kollha li jinsabu qalbhom maqtugħa u tilfu l-fiduċja fil-ħajja jew ibatu minn problemi ta' saħħa mentali. Nitolbu.
- Rejjaq spiritwalment lil dawk kollha li, minħabba mard, gwerra, persekuzzjoni, jew nuqqas ta' libertà, huma mċaħħda milli jirċievu l-ġisem tiegħek fl-Ewkaristija. Nitolbu.
- Qawwi riġlejn dawk li qed issejħilhom biex jiddedikaw lilhom infushom lilek bħala qaddejja tal-poplu tiegħek sabiex jagħmlu l-qalb u jħalluk tmexxihom għall-ġid tagħna lkoll. Nitolbu.
- Ilqa' madwar il-mejda tiegħek fis-sema lil dawk kollha li xxennqu u tniehdu għalik sakemm kienu fuq l-art. Nitolbu.

Mulej Ġesù Kristu, li ħlaqtna xbieha tiegħek, ilqa' dan u tant talb ieħor mistur f'qalbna, u agħtina l-grazzja li nirbħu n-natura dgħajfa tagħna biex nibqgħu mixjin warajk sal-port tas-salvazzjoni. Inti li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

**Barka Sagramentali**